# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Sebgħa u Sittin (67)**

**21 ta' April 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija b'mod virtwali.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Vici Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

67.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard ipprezenta l-ittra ta' apologija tal-Vici Sindku Aaron Agius li ma setax jattendi ghal-laqgha tal-lum minhabba ragunijiet ta' xoghol.

67.1.2 Il-Kunsilliera prezenti unanimament accettaw din l-apologija.

**67.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tat-13 ta' Marzu 2023**

67.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 66 li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023.

**67.3 Approvazzjoni tal-*quarterly financial report* ghall-perijodu Jannar-Marzu 2023**

67.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-*quarterly financial report* ghall-perijodu Jannar-Marzu 2023.

67.3.2 Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport finanzjarju li ser jintbaghat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

67.3.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit u l-Kunsilliera prezenti irringrazzjaw lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-istaff klerikali fl-ufficcju amministrattiv tal-hidma kontinwa taghhom b'rizq il-Kunsill.

## 67.4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

67.4.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-bini tac-Centru Civiku u anke fuq Triq Marga ser jibda fl-ewwel gimgha ta' Mejju.

Is-Sindku qal li gibna permess minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill jinzamm maghluq matul il-jum kollu tal-Gimgha 5 ta' Mejju 2023 sabiex matul dik il-gurnata, isir ix-xoghol ta' rilokar tal-ahhar bicciet ta' ghamara li tinsab fl-ufficcju tal-Kunsill. Dan sabiex eventwalment mit-Tnejn 8 ta' Mejju 2023, l-ufficcju tal-Kunsill jibda jopera mis-sit tal-Librerija Pubblika tax-Xaghra fi Triq it-Tigrija.

Il-Kunsill approva unanimament il-garanziji bankarji li jridu jigu sottomessi lill-*Building & Construction Authority* skont il-Ligi.

Rigward ix-xoghol ta' asfaltar ta' Triq Marga, is-Sindku qal li dan ix-xoghol ser jibda fl-ewwel gimgha ta' Mejju sabiex tkun lahqet ghaddiet il-Maratona Annwali ta' Ghawdex li ser tinzamm nhar il-Hadd 30 ta' April 2023. Dan peress li Triq Marga hija parti mir-rotta li tintuza ghal din il-Maratona.

67.4.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ninsabu għaddejjin bil-preparamenti tagħna għall-organizazzjoni tal-attivita' ta' Jum ix-Xagħra li din is-sena ser issir nhar is-Sibt 29 ta' April 2023.

Is-Sindku qal li l-attivita' ser tibda b'Quddiesa fis-7.00pm fil-Knisja Bazilika ta' Marija Bambina b'tifkira tat-335 anniversarju mit-twaqqif tal-Parrocca tax-Xaghra u titkompla b'cerimonja kommemorattiva fis-Sala 'Dun Alwig Camilleri' fil-Kazin tal-Banda *Victory* bis-sehem tal-istess Banda li ddoqq siltiet muzikali. Waqt is-serata, ser jinghata premju ta' rikonoxximent lill-mibki Surmast Xaghri, Mro. Nazzareno Refalo, u l-Premju 'Gieh ix-Xaghra 2023' lill-benefattur Xaghri, Louis Portelli.

67.4.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-bord ta' aggudikazzjoni li twaqqaf sabiex jevalwa l-offerta li giet sottomessa ghas-servizz ta' *contracts manager* tal-Kunsill qed jirrakkomanda li din l-offerta tinghata lill-kumpanija Yami Yami Limited. Dan peress li din l-offerta kienet *administratively* u *technically compliant.*

Il-Kunsill accetta unanimament din ir-rakkomandazzjoni.

67.4.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-bord ta' aggudikazzjoni li twaqqaf sabiex jevalwa l-offerta li giet sottomessa ghax-xoghol ta' provvista u installazzjoni ta' fanali dekorattivi godda fis-sqaq pubbliku li jwassal sal-Mithna Ta' Kola qed jirrakkomanda li din l-offerta tinghata lill-kuntrattur Richard Cauchi. Dan peress li l-offerta tieghu kienet *administratively* u *technically compliant.*

Il-Kunsill accetta unanimament din ir-rakkomandazzjoni.

67.4.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li waqt laqgha li saret mal-Onorevoli Ministru ghal Ghawdex, Clint Camilleri, nhar l-Erbgha 12 ta' April 2023, il-Ministru wera r-rieda tieghu li jiffinanzja x-xoghol ta' asfaltar ta' Triq Karkar. Dan fid-dawl tal-fatt li din it-triq hija *white road* u ghaldaqstant taqa' taht ir-responsabbilita' tal-Ministeru ghal Ghawdex.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill unanimament li, galadarba jkollna l-kuntratt ta' finanzjament iffirmat miz-zewg partijiet, nohorgu s-sejha pubblika (*tender*) ghal dan ix-xoghol.

Fir-rigward tar-*resurfacing* tal-*junction* bejn Triq Ghejun u Triq Mannar, peress li l-istima tax-xoghol kif preparata mill-Perit Edward Scerri tammonta ghas-somma ta' € 35,000 VAT inkluza, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li dan ix-xoghol ghandu jigi iffinanzjat mis-*savings* li fadlilna fl-allokazzjoni finanzjarja annwali tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li ghandha tohrog ukoll is-sejha pubblika (*tender*) ghal dan ix-xoghol.

67.4.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ninsabu ghaddejjin bil-preparamenti taghna ghall-organizazzjoni tal-festival tat-tin u ikel

tradizzjonali Malti li ser isir nhar is-Sibt 24 ta' Gunju 2023 fi Pjazza Il-Vitorja.

Is-Sindku qal li s-Sur Quinton Scerri ta' *NGRY Concepts* qed jahdem fuq il-logistika kollha marbuta mal-organizazzjoni ta' dan il-festival li ser isir bl-istess *format* tas-snin precedenti. Is-Sindku qal li George Curmi Il-Puse' ser ikun fdat b'Kuncert muzikali li ser isir lejn l-ahhar ta' din l-attivita'.

Fuq suggeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li ghandna naghmlu *talent show* qabel l-attivita' bis-sehem tat-tfal u adoloxxenti Xaghrin. Il-Kunsill qabel li ghandna nohorgu sejha ghal dawk interessati.

67.4.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ghandna nahsbu ghal Deputat Segretarju Ezekuttiv f'kaz li s-Segretarju Ezekuttiv prezenti ma jkunx jista' jagixxi.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li s-Sinjura Marion Attard, li prezentament tinsab taqdi l-funzjoni ta' Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali tax-Xewkija, tigi mahtura wkoll bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali taghna.

67.4.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-process ta' *sand sifting* tal-bajja tar-Ramla l-Hamra ser isir filghodu kmieni tat-Tlieta 25 ta' April 2023. Dan wara li ngabu l-permessi necessarji min-naha tal-Awtorita' Maltija ghar-Rizorsi (ERA).

67.4.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li f'Novembru li ghadda kien hemm talba tal-*Community Police* sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar qabel tibda l-parti d-dejqa ta' Triq Gnien Xibla.

Is-Sindku qal li Transport Malta qed titlob li jsir *traffic management plan* ghal din iz-zona qabel tapprova tali talba. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal dan u ser ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jipprepara dan id-dokument.

**67.5** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

67.5.1 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar xi zvilupp kien hemm fuq ix-xoghol ta' zebgha li kellu jsir fuq il-*crash barriers* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Is-Sindku wiegeb li dan ix-xoghol ser isir mill-haddiema tal-Ministeru ghal Ghawdex.

67.5.2 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar xi zvilupp kien hemm fuq ir-rilokazzjoni tal-kamra tad-dawl tal-Enemalta fi Triq Marga. Is-Sindku wiegeb li din il-materja qed jiehu hsiebha l-Inginier John Mizzi tal-Enemalta.

67.5.3 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar xi zvilupp kien hemm fuq il-kuntratt tal-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq. Is-Sindku Dr. Christian Zammit wiegeb li ser ikun qed iressaq din il-materja fil-laqgha li jmiss tar-Regjun.

67.5.4 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar jekk saritx l-istima ghax-xoghol ta' asfaltar ta' Trejqet Guzeppi Sultana. Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard wiegeb li din l-istima qed tigi preparata mill-Perit Edward Scerri.

67.5.5 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar il-possibilita' li l-Kunsill Lokali tax-Xaghra joggezzjona ghal permess partikolari tal-bini fi Triq Marija Bambina peress li l-bini propost ser joghla hafna. Is-Sindku Dr. Christian Zammit talab lill-Kunsillier Anthony Attard sabiex jipprovdi d-dettalji tal-permess lis-Segretarju Ezekuttiv halli jkunu jistghu jintalbu d-dettalji dwaru lill-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri.

**67.6** **Qari tal-Korrispondenza**

67.6.1 E-mail minghand Marvic Gauci li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' attivita' ghat-tfal nhar il-Hadd 30 ta' April 2023.

In vizta tal-fatt li din l-attivita' ser issir fl-istess gurnata tal-Maratona, il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lis-Sur Gauci sabiex jipposponi d-data u anke jgib kopja tal-*health & safety reports* u *risk assessment* qabel jikkommetti ruhu ghall-fondi.

67.6.2 Cirkulari numru 06/2023 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Kjarifika rigward permessi moghtija mill-Kunsilli Lokali taht ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jehtiegu Permess mill-Kunsilli Lokali (Legislazzjoni Sussidjarja 441.04)'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.3 Cirkulari numru SPI/SCI/04/2023 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.4 Komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward espressjoni ta' interess ghal servizz ta' manutenzjoni fil-libreriji lokali u regjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Ghawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.5 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward 'Social Determinanants of Health Information Sessions'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.6 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jitlob lill-Kunsill jipprovdi l-ispejjez li ser jintefqu jekk il-Kunsill jahseb xi progett ta' manutenzjoni fuq ix-xelter tal-Gwerra fi Pjazza l-Vitorja. Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-Perit Leonard Spiteri sabiex jaghmel din l-istima.

67.6.7 E-mail minghand Elsie Xuereb li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jipprojbixxi permessi ta' gheluq ta' Triq l-Ghejun mid-9am sal-5pm. Is-Sindku innota li din il-materja giet rizolta bejn il-kuntratturi li jitolbu ghal permessi ta' xoghol f'din it-triq.

67.6.8 E-mail minghand Raphael Refalo li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-prezz ta' zewg logos *stainless steel* u tmien *corners stainless steel* ghall-Pjazza tammonta ghas-somma ta' € 920 VAT ekluza. Il-Kunsill approva din it-talba.

67.6.9 E-mail minghand Ruben Said min-naha ta' Transport Malta li fiha qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tigi rilokata *bus stop* li hemm fi Triq Gnien Xibla peress li l-bini li mieghu tinsab imwahhla din il-*bus stop* ser jitwaqqa'. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

67.6.10 E-mail minghand Veronica Stivala li fiha qed tistieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu ghall-konferenza tal-progett 'Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali' li ser issir nhar it-Tnejn 24 ta' April2023 fil-Belt Valletta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.11 E-mail minghand Sylvie Derrien li fiha qed tistieden delegazzjoni ta' ghaxar persuni mix-Xaghra sabiex jattendu ghall-attivita' li ser issir f'Chevaigne Franza nhar is-Sibt 24 ta' Gunju 2023. Il-granet huma bejn il-Gimgha 23 u t-Tnejn 26 ta' Gunju 2023. Il-Kunsill qabel li ghandna niccekkjaw mas-Sinjura Derrien dwar din il-materja.

67.6.12 Cirkulari numru 023/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Times of Malta ESG Business Event_by PKF Malta'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.13 Komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Linji Gwida – Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali jew Regjonali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.14 Cirkulari numru 025/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Joining the PES Group campaign SafePlace4Women'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.15 Cirkulari numru 024/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Tahrig – Keeping Minutes without losing hours!'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.16 Cirkulari numru 026/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'European Cities Against Drugs ECAD_Mayors' & Stakeholders Conference & Welcome Dinner'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.17 Cirkulari numru 7/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Fondi Ewropej: Linji gwida lill-Kunsilli Regjonali u Lokali dwar talbiet ghal assistenza li jikkoncernaw progetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea u fondi internazzjonali ohra'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.18 Cirkulari numru 8/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ristrutturar u re-branding tad-Divizjoni ghall-Gvern Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.19 E-mail minghand Carrie Bugeja, ufficjal tal-Fondazzjoni OASI, li fiha qed titlob in-*no objection* tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex tigi organizzata l-*OASI Cup Run and Fun Walk* nhar il-Hadd 1 ta' Ottubru 2023 f'diversi lokalitajiet madwar Ghawdex. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

67.6.20 E-mail minghand Joe Attard, CEO ta' GreenMT, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Ghawdxin li l-kumpanija GreenMT ser tiehu f'idejha l-materji relatati mal-ibins fil-lokalitajiet Ghawdxin. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.21 E-mail mill-Gozo Action Group bi stedina lis-Sindki Ghawdxin ghall-European Smart Villages Observatory Meeting li ser isir fl-Awstrija fit-12 ta' Mejju 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.22 Cirkulari numru 027/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'European Bench for Local Councils'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.23 E-mail minghand il-Perit Godwin Sultana li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex johrog in-*no objection* ghar-rilaxx ta' garanzija bankarja marbuta max-xoghol li sar fi Triq Qasam ta' Dun Anton k/ma' Triq Gajdoru, Xaghra, skont il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar b'numru ta' riferenza PA/00479/20. Il-Kunsill accetta din it-talba.

67.6.24 E-mail mill-Kummissjoni Ambjent tal-Arcidjocesi ta' Malta b'informazzjoni dwar il-kors 'Award in Developing Environmental Responsibility' li ser isir f'Marsaskala. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.25 E-mail minghand Roderick Cordina, rapprezentant tal-*Animal Welfare*, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex iwahhal *sleeping police* fil-bidu ta' Triq is-Sellum bil-ghan li eventwalment jitnaqqsu l-imwiet ta' papri u periklu ghan-nies. Il-Kunsill innota din it-talba.

67.6.26 Ittra minghand Michael Zammit, propjetarju tal-pompa tal-petrol fi Pjazza Il-Vitorja, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jikkunsidra li jbiddel id-direzzjoni tal-*one-way* fi Triq it-28 ta' April 1688. Dan minhabba li qed ikun hemm problema ta' sahha u sigurta' ghar-residenti meta jsir ir-re-fuelling tal-pompa tal-petrol.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandna nitolbu kjarifikazzjoni minghand is-Sur Zammit dwar dawn il-punti:

(a) Il-possibilita' li r-*re-fuelling truck* ikun izghar u jkun jista' jghaddi minn Triq it-28 ta' April 1688 u jibqa' hiereg 'il barra minn Vjal it-Tmienja ta' Settembru;
(b) Jekk sarx xi *health & safety report* u/jew xi *risk assessment* rigward iz-zona tal-pompa tal-petrol u dan fid-dawl tal-fatt li hemm diversi residenti li qed jibzghu minn konsegwenzi negattivi f'kaz li jigri xi incident fil-pompa tal-petrol;
(c) Jekk isibx xi oggezzjoni li l-Kunsill itellaq kampanja ta' edukazzjoni mar-residenti rigward il-fatt li jkun hemm *u-turns* fil-Pjazza;
(d) Il-fatt li l-*licence holder* ta' din il-pompa lanqas ikkonsulta mal-Kunsill rigward ix-xoghlijiet li saru ricentament fl-imsemmija pompa;
(e) Jekk saritx komunikazzjoni mal-kumpanija EMDP rigward il-*masterplan* li sar fil-qalba tar-rahal; u
(f) Il-fatt li l-*gutters* li saru ricentament huma ta' periklu ghar-residenti.

67.6.27 E-mail minghand il-Perit Emanuel Vella li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex johrog in-*no objection* ghar-rilaxx ta' garanzija bankarja marbuta max-xoghol li sar fi Triq Gnien Xibla, Xaghra Ghawdex, skont il-permess mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar b'numru ta' riferenza PA 00765/16. Il-Kunsill accetta din it-talba.

67.6.28 E-mail minghand il-Perit Emanuel Vella li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex johrog in-*no objection* ghar-rilaxx ta' garanzija bankarja

marbuta max-xoghol li sar fi Triq Liberat Grech, Xaghra Ghawdex, skont il-permess mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar b'numru ta' riferenza PA 9866/18. Il-Kunsill accetta din it-talba.

67.6.29 E-mail minghand Darryl Schembri, ufficjal tal-kumpanija AIS Limited li hija inkariga mill-progett tal-i*smart waste depots* fil-Qortin, li fiha qed jinforma lill-Kunsill b'varjazzjoni fit-*tender* u dan sabiex isir xoghol ta' *trenching* qrib l-istess sit fejn gew installati dawn il-bins. Il-Kunsill approva din il-varjazzjoni peress li dan ix-xoghol ser jigi ffinanzjat mill-fondi li nghatajna ghal dan il-progett mill-Ministeru tal-Ambjent.

67.6.30 Cirkulari numru 9/2023 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Kazijiet tal-Ombudsman u hatra ta' *Focal Persons*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.31 Cirkulari numru 028/2023 mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Discussing the National Energy and Climate Plan for Malta and the way forward to Join the Covenant of Mayors'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.32 E-mail mir-Regjun Ghawdex bi stedina lis-Sindki ghall-programm 'Hekk Nahsibha Jien' fuq Radju Malta 1. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.6.33 E-mail minghand Dr. Marica Borg, Segretarja tal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq fil-Ministeru ghal Ghawdex, li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex jipproponi isem ghat-triq gdida li nfethet fi Triq Knisja. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandna nipproponu l-isem tal-Professur J.J. Cremona.

67.6.33 E-mail minghand Josmar Azzopardi ghan-nom tax-*Xaghra Scouts Group* li fiha qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' attivita' li tfakkar il-fondazzjoni tal-Grupp, liema attivita' ser issir fix-Xaghra nhar il-Hadd 21 ta' Mejju 2023.

Il-Kunsill accetta li jikkollabora f'din l-attivita' bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 600.

67.6.34 E-mail mill-Ghaqda tan-Nar Xaghra li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni ta' attivita' kulturali li ser issir f'Mejju 2023.

Il-Kunsill accetta li jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 700.

**67.7 Ilmenti mir-residenti**

67.7.1 Talba mingħand Coronato Muscat ta' Triq Bullara sabiex is-*slow sign* li hemm fi Triq Jannar kantuniera ma' Triq Bullara jimxi ghal nofs it-triq. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

67.7.2 Talba minghand Stella Portelli ta' 75C, Triq San Blas, Nadur, sabiex *parking slot* tal-GoTo li tinsab fil-bajja tar-Ramla l-Hamra tinbidel ghal *communal reserved parking bay* ghad-*disabled.* Dan peress li din il-*parking slot* m'ghadhiex tintuza.

Il-Kunsill innota li din it-talba ma tistax tintlaqa' peress li dawn il-*parking spaces* ser jigu konvertiti f'*charging points* ghall-vetturi elettrici.

67.7.3 Talba minghand Eddie Vella sabiex jergghu jsiru s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar u *Keep Clear* quddiem il-pompa tal-petrol ta' Pjazza Il-Vitorja. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

67.7.4 Talba minghand Josanne Pace ta' Triq Kortoll sabiex jitwahhlu tabelli *Cat Crossing* fi Triq Kortoll. Il-Kunsill accetta din it-talba.

67.7.5 Talba minghand Mark Anthony Vella ta' Triq Ghajn Qamar sabiex jinzebghu l-kaxxi tal-parkegg matul din it-triq. Dan ghall-beneficcju tar-residenti li joqoghdu f'din it-triq. Il-Kunsill innota din it-talba.

67.7.6 Talba minghand Daniela Borg ta' Sqaq fi Triq Bullara sabiex issir *sleeping policeman* quddiem l-imsemmi sqaq. Dan peress li xi sewwieqa qed isuqu b'velocita' qawwija f'din it-triq.

Il-Kunsill ma accettax din it-talba pero' ser jirreferi dan l-ilment lil Transport Malta u lill-Pulizija tal-Komunita'.

**67.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

67.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

67.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**67.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

67.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2023 fil-5.00pm fil-librerija pubblika b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**